

31996R0242

9.2.1996

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

L 31/16

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 242/96**tas-7 ta' Frar 1996****li jirrigwarda l-klassifika ta' ċerti oġġetti fin-nomenklatura magħquda**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 tat-23 ta' Ġunju 1987 dwar in-nomenklatura tat-tariffi u statistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ⁽¹⁾, kif l-aħħar emendat bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 3009/95 ⁽²⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 9 tiegħu,

Billi sabiex tiġi żgurata l-applikazzjoni uniformi tan-nomenklatura magħquda annessa mar-Regolament imsemmi, huwa meħtieġ li jiġu adottati miżuri li jirrigwardaw il-klassifika ta' l-oġġetti riferiti fl-Anness ma' dan ir-Regolament;

Billi r-Regolament (KEE) Nru 2658/87 stabbilixxa r-regoli ġenerali sabiex tiġi interpretata n-nomenklatura magħquda u dawn ir-regoli japplikaw ukoll għal kull nomenklatura oħra li hija fl-intier tagħha jew f'parti minnha msejsa fuqha jew li żżid kull subdiviżjoni addizzjonali magħha u li hija stabbilita b'dispożizzjonijiet speċifiċi Komunitarji, bil-ħsieb li jiġu applikati l-miżuri tat-tariffa u miżuri oħra li għandhom x'jaqsmu mal-kummerċ fl-oġġetti;

Billi, skond ir-regoli ġenerali msemija, l-oġġetti deskritti fil-kolonna 1 tat-tabella meħmuża mar-Regolament preżenti jridu jiġu kklassifikati skond il-kodiċijiet NM approprijati indikati fil-kolonna 2, bis-saħħa tar-raġunijiet iddikjarati fil-kolonna 3;

Billi huwa aċċettat illi t-tagħrif li jorbot tat-tariffa maħruġ mill-awtoritajiet tad-dwana ta' l-Istati Membri dwar il-klassifika ta' l-oġġetti fin-nomenklatura magħquda u li mhux skond id-drittijiet stabbiliti b'dan ir-Regolament, jistgħu jissoktaw jiġu invokati, taħt id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 12(6) tar-Regolament tal-Kunsill

(KEE) Nru 2913/92 tat-12 ta' Ottubru 1992 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Komunità ⁽³⁾, kif l-aħħar emendat bir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2454/93 ⁽⁴⁾, għal perjodu taż-żmien ta' tliet xhur mill-pussessur;

Billi l-miżuri pprovduti f'dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tat-Taqsima tan-Nomenklatura tat-Tariffa u Statistika tal-Kumitat tal-Kodiċi Doganali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

L-Artikolu 1

L-oġġetti deskritti fil-kolonna 1 tat-tabella meħmuża huma issa kklassifikati fin-nomenklatura magħquda taħt il-kodiċijiet NM approprijati indikati fil-kolonna 2 tat-tabella msemija.

L-Artikolu 2

It-tagħrif li jorbot tat-tariffa maħruġ mill-awtoritajiet tad-dwana ta' l-Istati Membri li mhux skond id-drittijiet stabbiliti b'dan ir-Regolament jista' jissokta jiġi invokat taħt id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 12(6) tar-Regolament (KEE) Nru 2913/92 għal perjodu taż-żmien ta' tliet xhur.

L-Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-21 jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fis-7 ta' Frar 1996.

Għall-Kummissjoni

Mario MONTI

Membre tal-Kummissjoni

⁽¹⁾ ĠU L 256, tas-7.9.1987, p. 1.

⁽²⁾ ĠU L 319, tat-30.12.1995, p. 1.

⁽³⁾ ĠU L 302, tad-19.10.1992, p. 1.

⁽⁴⁾ ĠU L 253, tal-11.10.1993, p. 1.

L-ANNESS

Id-deskrizzjoni ta' l-oġġetti	Il-Klassifika (kodiċi NM)	Ir-raġunijiet
(1)	(2)	(3)
Pistola ta' l-arja, tal-plastik b'mekkaniżmu minn ġewwa u l-parti ta' ġewwa tal-kanna magħmula mill-metal, kapaċi tispara balal tal-plastik	9304 00 00	Il-klassifika hija stabbilita mid-dispożizzjonijiet tar-Regola Ġenerali 1 għall-interpretazzjoni tan-nomenklatura magħquda u mill-mod tal-kliem tal-kodiċi NM 9304 00 00 Il-klassifika tal-prodott fl-intestatura 9304 hija dovuta f'parti għall-fatt li tista' tikkawża ħsara lill-ġisem minħabba kemm twassal u s-saħħa ta' l-impatt.